**DEHRA ĠDIDA GĦALL-KARTI TAL-FLUS TAL-EWRO – Il-BĊE JIŻVELA T-TEMI GĦALL-KARTI TAL-FLUS FUTURI**

*By Emmanuel Cachia*

*Manager - Communications*

Il-kontribut tal-pubbliku, il-kultura, in-natura u l-aċċessibbiltà huma fil-qalba tat-tfassil ta' dan it-tiġdid.

Bil-għan sabiex jimmodernizza u jtejjeb is-sigurtà, l-aċċessibilità u s-sostenibbiltà tal-karti tal-flus tal-euro, il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) żvela t-temi u l-motifi magħżula għal ġenerazzjoni ġdida ta' karti tal-flus tal-ewro, li se jkunu kkaratterizzati b'tisħiħ fis-sigurtà, l-aċċessibilità u s-sostenibilità tagħhom. L-inizjattiva, xprunata minn żviluppi mgħaġġla fit-teknoloġiku u sforzi biex jiġu indirizzati attentati ta' falsifikar u l-impatt ambjentali, hija mistennija li tilħaq il-qofol tagħha fl-għażla tad-disinji finali fl-2026.

Il-BĊE, f'kooperazzjoni mal-banek ċentrali nazzjonali kollha fiż-żona tal-ewro, afferma mill-ġdid ir-responsabbiltà tiegħu li jiżgura li l-karti tal-flus tal-euro jibqgħu siguri kif ukoll innovattivi. Minbarra li jibqa' pass qabel dawk li jiffalsifikaw il-karti tal-flus, il-proġett ta' disinn il-ġdid għandu l-għan li jagħmel il-karti tal-flus aktar sostennibbli għall-ambjent u jagħmilha faċli għal min jużahom, b'mod partikolari dawk vulnerabbli, bħal dawk neqsin mid-dawl.

F'Novembru tal-2023, il-Kunsill Governattiv tal-BĊE ħabbar żewġ temi potenzjali għan-noti l-ġodda: "Il-kultura Ewropea" u "Ix-xmajjar u l-għasafar". L-għażla segwiet proċess ta' konsultazzjoni wiesa' li kien jinkludi l-pubbliku u kontribut ta' esperti minn madwar iż-żona tal-ewro. Skont il-President tal-BĊE, it-temi magħżula "jikkondividu ħajt komuni ta' konnessjoni bejn l-Ewropa u l-Ewropej", u jallinjaw mal-għan tal-bank li l-karti tal-flus tal-ewro jiġu assoċjati ma' persuni ġejjin minn oqsma diversi.

**Żvelati l-Motifi magħżula**

Minn Jannar tal-2025, il-BĊE rfina t-temi proposti f'żewġ kunċetti dettaljati:

**1. Kultura Ewropea: Spazji Kulturali Komuni**

Din it-tema se tiċċelebra l-wirt kulturali għani tal-Ewropa permezz ta' personalitajiet kbar u spazji pubbliċi komuni. Il-karti tal-flus se jkollhom personalitajiet ikoniċi, bħal:

• €5: Maria Callas (kantanta)

• €10: Ludwig van Beethoven (kompożitur)

• €20: Marie Curie (spiżjara u fiżika)

• €50: Miguel de Cervantes (awtur)

• €100: Leonardo da Vinci (polimat)

• €200: Bertha von Suttner (rebbieħa tal-Premju Nobel għall-Paċi)

In-naħat ta' wara tal-karti tal-flus se juru xeni ta' impenji kulturali, inklużi spettakli fit-toroq, festivals tal-kanzunetti, skejjel, libreriji, arti fit-toroq, u pjazez pubbliċi mgħottija bis-siġar fejn jinġabru l-komunitajiet.

**2, Xmajjar u Għasafar: Reżiljenza fid-Diversità**

Filwaqt li tenfasizza l-ekosistemi naturali tal-Ewropa, din it-tema se tinkludi xmajjar u speċji ta' għasafar li jissimbolizzaw ir-reżiljenza ambjentali u l-bijodiversità. Il-faċċata tal-karti tal-flus għandhom jinkludu:

• Għasfur ta' San Martin biswit kaskata

• Ċikonja bajda li ttir fuq wied ta' xmara

•Bumistur qrib pajsaġġ fil-muntanji

In-naħa ta' wara se turi bini ta' istituzzjonijiet Ewropej sinifikanti, bħall-Parlament Ewropew u l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, li jirriflettu l-unità u l-governanza tal-Ewropa.

Xi jmiss?

Tħabbret  kompetizzjoni għad-disinn ta' dawn il-karti tal-flus, li qiegħda tistieden artisti u disinjaturi minn madwar l-Unjoni Ewropea biex jagħtu l-ħajja lil dawn it-temi. Id-disinji magħżula se jiġu ppreżentati lill-pubbliku fl-2026, biċ-ċittadini kollha taż-żona tal-ewro jingħataw l-opportunità li jesprimu l-preferenzi tagħhom. Il-BĊE mbagħad aktar tard dik is-sena jieħu d-deċiżjoni finali tiegħu dwar is-serje l-ġdida futura tal-karti tal-flus.

B'din l-inizjattiva, il-BĊE mhux biss qed isaħħaħ is-sigurtà u l-funzjonalità tal-karti tal-flus, iżda qed jiċċelebra wkoll l-identità komuni, is-sbuħija naturali, u l-ġid kulturali tal-Ewropa.

Għal aktar informazzjoni, żuru:
Il-BĊE jniedi kompetizzjoni tad-disinn għall-karti tal-flus tal-euro futuri